

## **Dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli f'isem l-Unjoni Ewropea dwar l-allinjament ta' ċerti pajjiżi terzi mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/621 tal-31 ta' Marzu 2017 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja**

Fil-31 ta' Marzu 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/621<sup>[1]</sup>. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill testendi l-miżuri restrittivi eżistenti sat-2 ta' Ottubru 2017. Il-miżuri inkwistjoni huma projbizzjoni fuq l-ivvjaġġar, iffriżar tal-assi u projbizzjoni fuq it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' fondi fil-konfront ta' 3 individwi meqjusa bħala responsabbli milli jfixxlu jew jheddu t-tweqqif b'suċċess tat-transizzjoni politika fil-Libja.

Il-Pajjiżi Kandidati l-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja\*, il-Montenegro\*, is-Serbja\* u l-Albanija\*, il-pajjiż tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni u kandidat potenzjali l-Bożnija-Ħerzegovina, u l-pajjiżi tal-EFTA l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja, membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, kif ukoll l-Ukrajna, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Georgia jallinjaw ruħhom ma' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill.

Huma ser jiżguraw li l-politiki nazzjonali tagħhom ikunu konformi ma' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill.

L-Unjoni Ewropea tilqa' u tiegħu nota ta' dan l-impenn.

---

[1] Ippubblikata fl-1.04.2017 f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea nru L89, p. 10.

\*L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro, is-Serbja u l-Albanija għadhom jagħmlu parti mill-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni.